22 ta' Frar, 1947.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Rosario Cutajar *versus* Giovanna Caruana

**Azzjoni Konfessorja — Servitù — Passaġġ — Illeġittimità tal-Persuna — Art. 492 (3) u 509 tal-Kodiċi Ċivili, u art. 793, 733 (1) u 790 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Is-servitujiet tal-passaġġ huma, għall-ispeċi tagħhom, servitujiet diskontinwi, jistgħu jkunu tant apparenti kemm mhux apparenti, u jistgħu jiġu akkwistati b'titolu, jew, fil-każ ta' passaġġ neċessarju, bil-preskrizzjoni jew użukapjoni.*

*L-azzjonijiet li huma utili biex jiġi mantenut l-eżerċizzju ta' servitujiet li jappartjenu lill-fondi, jew sabiex il-fondi jiġu liberati mis-servitujiet li xi ħadd jippretendi li għandu fuqhom, ma jistgħux jiġu eżerċitati ħlief mill-proprjetarju tal-fond. Il-kondutur ma jistax jeżerċita azzjonijiet simili; u jekk jeżerċitahom huwa persuna illeġittima biex jaġixxi bħala attur.*

*L-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna tista' tiġi sollevata anki*

*mill-Qorti "ex officio"; u mhux biss fl-ewwel istanza fi kwalunkwe stadju qabel is-sentenza, imma anki quddiem il-Qorti ta' l-Appell.*

Il-Qorti, — Rat it-talba ta' l-attur, li wara li ppremetta li, wara li tiġi mogħtija kwalunkwe dikjarazzjoni li hemm bżonn u meħud kull provvediment opportun, billi l-konvenuta impedietu, non ostanti li għandu bi qbiela l-għalqa ċirkondata minn kull naħa mir-raba' ta' ħadd ieħor, fosthom minn għalqa b'ċens għand il-konvenuta, u li għalhekk ma fihiex aċċess għat-triq publika, li juża l-mogħdija li hemm fl-għalqa tagħha u li mit-triq publika twassal għar-raba' tiegħu, u dana ingustament mingħajr ebda raġuni valida; u li l-mogħdija minn fuq ir-raba' tal-konvenuta hija lanqas gravuża għar-raba' ċirkonfinanti u fl-istess ħin l-aktar vantaġġjuża għalih; talab li l-konvenuta tiġi kundannata minn dina l-Onorabbli Qorti ssofri illi mill-isqaq imsejjaħ "ta' Brolli" fil-limiti ta' Birżebbuġa, li fuqu tħares l-għalqa tal-konvenuta, imsejħa "ta' Smith", ikun hemm mogħdija, kif del resto kien hemm minn dejjem, għall-għalqa tiegħu magħrufa "tal-Landar", u li tikkonfina internament mal-għalqa tal-konvenuta ġa msemmija. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Mill-att taċ-ċitazzjoni jidher ċar illi l-azzjoni dedotta hija l-"*actio confessoria ex servitute*". Infatti, apparti l-premessi, it-talba mhijiex ristretta sabiex il-konvenuta tiġi inibita minn xi "via di fatto" allegata li ma titnisselx minnha pretensjoni ta' ebda dritt, imma mitluba tgħid l-għaliex ma għandhiex issofri illi mill-isqaq "ta' Brolli" fil-limiti ta' Birżebbuġa, li fuqu tħares l-għalqa tal-konvenuta, imsejħa "ta' Smith", ikun hemm mogħdija eċċ., preċiżament fis-sens tad-definizzjoni tas-servitù tad-Dritt Ruman, "*ut aliquid patiatur aut non faciat*"; l-għaliex skond Pomponio, "*servitus in faciendo consistere nequit*" (L. 5 D. *de servit.*) (ara *Foramiti*, *Enciclopedia Giuridica*, voce Azione, Vol. I. u Servitù Vol. 4);

Illi mhux dubitat li s-servitujiet *tal-passaġġ huma għall-ispeċji tagħhom* servitù diskontinwi (ara 492 (3) Kodiċi Ċivili), u jistgħu jkunu tant apparenti kemm mhux apparenti, u l-istess jakkwistaw ruħhom b'titolu, jew fil-każ ta' servitù

neċessarja, bil-preskrizzjoni jew użukapjoni (ara art. 506 Kodiċi Ċivili);

Illi huwa wkoll stabbilit illi l-azzjonijiet jew l-eċċezzjonijiet li huma intiżi sabiex jiġi mantenut l-eżerċizzju ta' servitù li jappartjeni lill-fondi, jew sabiex jiġu liberati minn dawk is-servitujiet li xi ħadd ikun jippretendi li għandu dritt jeżerċita fuqhom, ma jistgħux ħlief jiġu eżerċitati mill-proprjetarju ta' l-istess fondi; u dan skond id-Dritt Ruman, fejn jingħad :— "Actiones de servitutibus rusticis, sive urbanis, eorum sunt quorum praedia sunt. Sepulchra autem nostri domini non sunt. Atquin viam ad sepulchrum possumus vindicare" (Dig. Ulpianus, Si servitus vindicetur vel ad alium pertinere negetur, Lib. VIII, Tit. V, L. 1), u "Haec autem actio in rem magis est, quam in personam, et non alii competit quam domino aedium et adversus dominum sicuti caeterarum servitutum intentio" (loc. cit., L. VI, § 3) (ara Pardessus, Delle Servitù Prediali, para. 331, u Pacifici Mazzoni dwar is-servitujiet legali, Vol. II, Para. 748, pag. 490);

Tikkunsidra;

Illi mill-istess liġi tagħna, fejn titkellem fuq kif jistgħu jiġu stabbiliti s-servitujiet per mezz ta' titolu, jidher ċar li l-istess ma jistgħux ħlief jiġu stabbiliti minn proprjetarju, u dana l-fatt għandu bħala konsegwenza naturali jnissel megħu l-leġittimità ta' l-azzjoni fejn biss huwa tali meta dritt huwa attakkat, jew xi fond huwa prekluż minn dak id-dritt. L-istess Pardessus fl-opra ċitata, fil-paragrafu 332 (pagina 238, colonna 1ma. fil-qiegħ tal-pagina) igħid :— "Il colono o l'inquilino non hanno diritti sì estesi (qabel l-istess awtur kien qiegħed jitkellem fuq id-dritt li għandhom l-użufruttwarju u l-użwarju li jagixxu in konsegwenza tat-turbament li jiltaqgħu miegħu fid-dritt tal-godiment tagħhom, u sostna li jekk id-dritt tagħhom jiġi attakkat, u mhux biss il-godiment, huma fl-obligu li jgħidu lill-proprjetarju sabiex jiddefendihom); chè non essi posseggono, ma possiede per essi il proprietario, ed ha diritto di agire, loro malgrado, per conservare i diritti della sua proprietà.................. Se colui contro il quale esercitar vogliono il diritto che lor viene dalla locazione, sostiene di *non dover altrimenti la servitù, e l'ostacolo che incontrano* nel loro godimento procede da una pretensjone di libertà del

*fondo assoggettato, debbono prevenire il proprietario........*" Dana wkoll huwa konfermat mill-art. 1639 tal-Kodiċi Ċivili. minn fejn jidher illi dwar molestji għal "*vie di fatto*" l-azzjoni hija fil-fakoltà tal-konduttur, imma dwar molestji konċernenti d-dritt tal-ħaġa gawduta dak id-dritt huwa tal-lokatur (ara Marcadè u Pont. Spiegazione Teorico-Pratica del Codice Napoleone, Vol. VIII, pag. 498 u 499, Kumment għall-art. 1725-1727) ;

Anki t-Troplong, Della Locazione (pag. 177, para. 276), meta jikkommenta dak l-artikolu. jgħid :— "*Conchiudiamo* adunque che in tutte le ipotesi di molestia prevedute negli artikoli 1726-1727 non può il fittaiuolo divenire attore. Quello che deve praticare è di denunziare la turbativa al locatore. Se la turbativa non abbia prodotto che sia stato privato del possesso o diminuzione del godimento, egli attenderà che le procedure si terminino tra le persone che hanno diritto a stare in giudizio, e, secondo l'avvenimento, agirà oppur no in garanzia ; che se poi la turbativa lo abbia privato del possesso, o sia tornata pregiudizievole al godimento, potrà fin dalle prime esperimentare contro il locatore l'azione 'ex conducto', acciò quest'ultimo lo faccia godere pacificamente e lo indennizzi del danno". L-istess ħaġa jgħid Pothier, Della Locazione, para. no. 92 ;

Illi jista' jittieħed argument ieħor għall-assunt tal-Qorti fuq espress mill-art. 1642 tal-Kodiċi Ċivili, fejn il-konduttur jiġi ċitat (u mhux jaġixxi), u aktar u aktar mill-art. 1654 ta' l-istess Kodiċi, fejn il-konduttur, taħt piena ta' l-azzjoni tad-danni u interessi, huwa obligat mill-aktar fis javża lill-lokatur dwar l-użurpazzjonijiet jew danni oħra kaġunati lill-ħaġa mikrija. Ma hemmx bżonn jingħad li l-kelma "użurpazzjoni" ma tikkomprendix biss l-użurpazzjonijiet veri u proprji, u l-avanzamenti materjali fuq il-fond ta' ħadd ieħor biss, imma kwalunkwe fatt li jattenta d-dritt tal-proprjetà jew pussess, kif ukoll kwalunkwe tentativ, *kif igħid Troplong* fl-opra ċitata, paragrafu 689 ; u li minn dina l-estensjoni tal-kelma fuq imsemmija jnissel :— "*Quindi il fittaiuolo il cui* possesso fosse stato turbato da un vicino, che non lo vorrà far godere di una servitù dovuta al fondo, dovrà uniformarsi alle disposizioni dell'articolo (art. 1768 tal-Kodiċi Nap. ug-

wali għal tagħna 1654) nel modo stesso che se gli fossero *stati usurpati effettivamente uno o più solchi*". (Ara wkoll Marcadè u Pont, opera ċitata, kumment għall-art. 1768, Vol. VIII, pag. 551);

Illi minn dana jidher ċar illi l-attur ma kellux vesti biex jiġi 'l quddiem bl-azzjoni odjerna bħala sempliċi konduttur;

Illi ntqal li dak il-passaġġ kien oġġett ta' konvenzjoni bejn l-awtur ta' l-attur u l-awturi tal-konvenuta; imma, apparti li ma ġie prodott ebda miktub, u d-dritt tas-servitù ta' passaġġ huwa dritt reali, jista' jagħti l-każ li l-istess ġie akkwistat bil-preskrizzjoni trentennarja jew użukapjoni, peress li si tratta ta' servitù ta' passaġġ neċessarju. Imma anki f'dan il-pont it-teżi ta' l-attur, apparti li ma hix sostnuta mill-provi peress li ma jirrikorrix il-kors taż-żmien determinat u d-dritt kontinwu, paċifiku, publiku, u mhux ekwivoku, il-pussess tiegħu huwa l-pussess ta' l-awtur tiegħu. l-għaliex huwa, se maj, jippossjedi għall-proprjetarju lokatur tiegħu u kwindi kien dritt ta' dan l-aħħar innifsu jġib 'il quddiem dak id-dritt;

Illi jekk kien hemm obligazzjoni personali, dina hija fakoltativa, u tista' tkun fakoltà li tista' tinqata' jew tolleranza, li ma hix dritt;

Illi kwindi anki taħt dan l-aspett l-attur ma setax iġib 'il quddiem l-azzjoni tiegħu;

Illi l-attur qal ukoll illi dina l-eċċezzjoni hija perentorja tal-ġudizzju u kien imissha ngħatat "in limine litis". Imma, apparti li dina l-asserzjoni tiegħu mhijiex eżatta, jingħad li huwa dmir il-ġustizzja li tikkunsidra f'azzjoni ġudizzjarja l-kwalità ta' min jintentaha għall-interess ta' dik il-parti li trid tiddefendi ruħha kontra tagħha. Il-parti konvenuta ma tistax tkun kostretta tispjega ruħha u tipproċedi ma' persuna li hija taf li ma għandux dritt u li kontra tiegħu ma tistax tottjeni kundanni li jistgħu jkunu opposti lill-veru proprjetarju, u għalhekk fi kwalunkwe stadju tal-ġudizzju, tant il-Qorti "ex officio" kemm il-partijiet konvenuti, għandhom id-dritt jivverifikaw il-kwalità tal-persuna li tkun qiegħda tattakka d-dritt tagħhom. L-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna — l-għaliex għal daqs tant jammonta n-nuqqas ta' kwalità fl-attur — hija eċċezzjoni li tista' tiġi sollevata "ex officio" mill-Qorti (apparti l-fatt li tista' tiġi sollevata mill-konvenut) mhux biss

quddiem dina l-Qorti sa l-aħħar-stadju tal-kawża sa qabel is-sentenza, imma anki quddiem il-Qorti ta' l-Appell (ara art. 793 koordinat ma' l-art. 733 (1) u 790 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura, u Vol. XX, P. III, pag. 1, "Grech vs. Darmanin");

Illi kwindi, jekk il-fond detenut għandux dritt jew le fuq il-fond tal-konvenut, jew, kif huwa indubitat, għandux ikollu dritt ta' passaġġ neċessarju fuq il-fondi viċini jekk huwa interkjuż, hija ħaġa li hija dinir il-proprjetarju tal-fond interkjuż jara li jafferma ġudizzjarjament jekk teżisti, jew jottjeni neċessarjament jekk ma teżistix;

Illi in vista ta' dak li ntqal dina l-Qorti ma tista' tgħid xejn dwar li tilqa' jew ma tilqax il-perizja annessa mal-proċess;

Għal dawn il-motivi;

Taqta u tiddeċidi billi tgħid li l-attur ma kienx intitolat jew persuna leġittima, u bħala li ma għandhiex interess li kellha tagħmel l-azzjoni in kwistjoni, u konsegwentement til-libera mill-osservanza tal-ġudizzju lill-konvenuta; bl-ispejjeż, imħabba f'ii l-eċċezzjoni ngħatat wara l-perizja, kontra l-attur, barra minn dawk tal-perizja, li għandhom jitħallsu binnofs bejn il-partijiet; salv kwalunkwe dritt li l-attur għandu jew jista' jkollu "si et quatenus" kontra min u skond il-liġi.